Sealed quotations are to be dropped in the White Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, up to 9.00 a.m. of Thursday, 15th February, 2007, for:-

Quot. No. E0050. Iris Dissecting Forceps (toothed and non-toothed).

Quot. No. E0051. Mayo Scissors.

Quot. No. E0052. Orthodontic stainless steel tubing.

Quot. No. E0053. Catheter Female 16FG.

Quot. No. E0054. Insufflation Tubing.

Quot. No. E0055. Mayo Scissors Straight 6'' Curved.

Quot. No. E0056. Metzenbaum Curved Scissors.

Quot. No. E0057. McIndoe (Metzenbaum) Scissors 6" Curved.

Quot. No. E0058. Surgical Scissors.

Quot. No. E0059. Eve's Tonsil Snare.

Quot. No. E0060. Tubing Clamps Angled (Irwin Moore.)

Quot. No. E0061. Stevens Tentomy Scissors.

Quot. No. E0062. Sub-Mucous Resection (SMD) Knife.

Quot. No. E0063. Iris Scissors.

Quot. No. E0064. Aural Micro Scissors.

Quot. No. E0065. Tray Liners.

Quot. No. E0066. Crile Wood Needle Holder.

Quot. No. E0067. Dissecting Forceps Toothed and Non-Toothed 5''.

Quot. No. E0068. Dissecting Forceps Continental Pattern 6''.

Quot. No. E0069. Installed AOM/Sleep Link and Clinical Remote control compatible with existing Alice 4 Main Unit.

All quotations listed above can be downloaded from:

http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=241.

Further information regarding the quantities and conditions of these quotations may be obtained from the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, between 8.00 a.m. and noon.

26th January, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar, 2007, fil-Kaxxa ta' l-Offerti f'Kamra 144, Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. PS 03/2007. Xiri ta' *New English Course Textbooks (Happy House Level 1)* għall-Iskejjel Primarji 2007 - 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. PS 04/2007. Xiri ta' *New English Course Textbooks (Happy House Level 2)* għall-Iskejjel Primarji 2007 - 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. PS 05/2007. Xiri ta' *English Course Textbooks Way Ahead Series Level 2* għall-Iskejjel Primarji 2007 - 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. PS 06/2007. Xiri ta' *English Course Textbooks Way Ahead Series Level 3* għall-Iskejjel Primarji 2007 - 2008.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

It-Taqsima tal-*Procurement* u l-Amministrazzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni tgħarraf illi partijiet interessati jistgħu jattendu jaraw il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Is-26 ta' Jannar, 2007

EDUCATION DIVISION

The Director General of Education notifies that:-

Sealed tenders should be deposited in the Tender Box at Room 144, Education Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 16th February, 2007, for:-

Advt. No. PS 03/2007. Purchase of New English Course Textbooks (Happy House Level 1) for Primary Schools 2007 - 2008.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Advt. No. PS 04/2007. Purchase of New English Course Textbooks (Happy House Level 2) for Primary Schools 2007 - 2008.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Advt. No. PS 05/2007. Purchase of English Course Textbooks Way Ahead Series Level 2 for Primary Schools 2007 - 2008.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Advt. No. PS 06/2007. Purchase of English Course Textbooks Way Ahead Series Level 3 for Primary Schools 2007 - 2008.

A fee of Lm10 is to be paid upon collection of tender document.

Tenders should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Education Division, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

The Procurement and Administration Branch of the Education Division notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of tenders on the appointed date and time.

26th January, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

145

Ikun jaf kulhadd illi il-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Novembru 2006, fl-atti tar-Rikors numru 864/06 FS, fl-ismijiet Medarea Forex Services Limited (C 25802) vs Remote Technologies Ltd (C 35046), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Settembru 2006, fl-ismijiet Medarea Forex Services Limited (C 25802) vs Remote Technologies Ltd (C 35046), ir-rikorrenti Medarea Forex Services Limited (C 25802) kif rappreżentata minn Andrea Aquilina ID Card no. 567574(M), li espona bir-rispett:

Illi l-kontendenti kkonkludew ftehim privat, datat 5 ta' April 2006; hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A' li in forza tiegħu s-soċjetà attriċi, qua aġent tad-ditta barranija Western Union Financial Services Inc, appuntat lis-soċjetà konvenuta bħala rappreżentant tagħha …Omissis…

Illi s-soċjetà konvenuta bi ksur ta' l-obbligi tagħha skond il-ftehim Dok. A. inkluż l-artikolu H ta' l-istess naqset milli tgħaddi lis-soċjetà attriċi, bilanċ ta' ħmistax-il elf tliet mija ħamsa u sittin lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm15,365.07), …Omissis…

Illi addizzjonalment mas-somma fuq imsemmija s-soċjetà konvenuta għandha tagħti lis-soċjetà attriċi, bilanċ ta' tlett elef, tnejn u tletin lira Maltija u sittax-il ċenteżmu (Lm3,032.16) …Omissis…

Illi għalhekk b'kollox is-soċjetà konvenuta, għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' tmintax-il elf tliet mija sebgħa u disgħin liri Maltin u tlieta u għoxrin ċenteżmi (Lm18,397.23) dovuti kif fuq premess;

Illi s-soċjetà konvenuta, minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont minnha dovut baqgħet inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa ċert, likwidu u dovut …Omissis…

Illi għaldaqstant huma applikabbli għal dawn il-proċeduri, d-dispożizzjonijiet għad-dispensa mis-smigħ tal-kawża, a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Illi dan kollu l-esponenti jaf bih personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 17th November 2006, in the records of the Application number 864/06 FS, in the names Medarea Forex Services Limited (C 25802) vs Remote Technologies Ltd (C 35046), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, on the 26th September 2006, in the names Medarea Forex Services Limited (C 25802) vs Remote Technologies Ltd (C 35046), the applicant Medarea Forex Services Limited (C 25802) as represented by Andrea Aquilina ID Card No. 567574(M), pleaded with respect:

That the parties concluded an agreement dated 5th April 2006, hereby attached and marked 'Doc. A' in virtue of which the plaintiff company, qua agent of the foreign company Western Union Financial Services Inc, appointed the defendant company as its representative…Omissis…

That the defendant company in violation of its obligations according to the agreement Doc. A. including article H of the same failed to pass to the plaintiff company, a balance of fifteen thousand three hundred and sixty five Maltese Liri and seven cents (Lm15,365.07)…Omissis…

That additionally with the sum above mentioned the defendant company owes to the plaintiff company, a balance of three thousand and thirty two liri and sixteen cents (Lm3,032.16) …Omissis…

That thus the defendant company, owes to the plaintiff company, the global sum of eighteen thousand three hundred and ninety seven Maltese liri and twenty three cents (Lm18,397.23) due as above premised;

That the defendant company, despite that it was called upon various times to pay it failed to do so;

That the amount demand is certain, liquidated and due …Omissis…

Thus there are to be applied to these procedures, the provisions of Articles 167 et seq, of the Code of Organisation and Civil Procedure, which provide that hearing of the case can be dispensed with it.

That the applicant knows all this personally;

That thus this case had to be made;

Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta, tħallas lis-soċjetà attriċi, is-somma komplessiva ta' tmintax-il elf tliet mija sebgħa u disgħin liri Maltin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm18,397.23) lilha dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjeż, u bl-interessi kummerċjali skond il-liġi, sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà konvenuta, li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Lista tad-Dokumenti.

Attur: Avis House, 2nd Floor, 50, Msida Seafront, Msida.

Notifika: 134, The Strand, Gżira.

Ir-Rikors numru 864/2006 FS, fl-ismijiet Medarea Forex Services Limited (C 2582) vs Remote Technologies Ltd (C 35046) ġie differit, għas-7 ta' Frar 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the defendant company is to state why this Honourable Court should not:

1. Decide this cause without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure; and

2. Consequently condemn the defendant company to pay the plaintiff company, the global sum of eighteen thousand three hundred and ninety seven Maltese liri and twenty three cents (Lm18,397.23) due to it as above premised.

With costs and commercial interests according to law, till the date of effective payment, against the defendant company, who is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff: Avis House, 2nd Floor, 50, Msida Seafront, Msida.

Service At: 134, The Strand, Gżira.

The Application number 864/2006 FS, in the names Medarea Forex Services Limited (C 2582) vs Remote Technologies Ltd (C 35046) was put off to the 7th February 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

146

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Pilastri Ltd ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Pilastri Ltd, Alexander Scicluna u Oswald Scicluna a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 26 ta' Mejju 2006

Lil: 1. Pilastri Ltd
2. Alexander Scicluna
3. Anton Scicluna
4. Oswald Scicluna.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 8th November 2006, in the records of the judicial letter in the names Commissioner for Value Added Tax vs Pilastri Ltd ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, Pilastri Ltd, Alexander Scicluna and Oswald Scicluna, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 26th May 2006

To: 1. Pilastri Ltd
2. Alexander Scicluna
3. Anton Scicluna
4. Oswald Scicluna.

By the present the Commissioner for Value Added Tax of

Valur Miżjud ta' Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, jinterpellakom ai termini ta' l-art. 59 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallsu l-ammont ta' sitt elef disa' mija wieħed u disgħin lira Maltija (Lm6,991.00) rappreżentanti ammont dovut minnkom skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra tagħkom permezz ta' l-avviż li ntbagħat, fil-15 ta' April 2006.

Fin-nuqqas il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: 1. Pilastri Ltd, Ħal Farruġ, Luqa.
2. Alexander Scicluna, 89 Triq San Ġorġ, Luqa.
3…Omissis…
4. Oswald Scicluna, 100, Vallisneria, Triq Wilġa, Luqa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, calls upon you so that in terms of art. 59 of Act XII of 1994, so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of six thousand nine hundred and ninety one Maltese liri (Lm6,991.00) representing amount due by you according to the same Act.

With costs and interest according to that Act till the date of the effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the notice sent on the 15th April 2006.

Failing which the interpellant notifies you that he shall pass to execute the executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Notify: 1. Pilastri Ltd, Ħal Farruġ, Luqa.
2. Alexander Scicluna, 89, San Ġorġ Street, Luqa.
3. …Omissis…
4. Oswald Scicluna, 100, Vallisneria, Wilġa Street, Luqa.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

147

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fit-8 ta' Jannar 2007 (Rikors numru 2/2007) minn Gaetano Magri pro et noe et, intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Maria Assunta sive Sunta Cassar, xebba, bint il-mejtin Clemente Cassar u Margherita neé Formosa, imwielda l-Għarb, Għawdex u li mietet ir-Rabat, Għawdex fid-dsatax (19) ta' April 1985, improle u intestata, fl-għomor ta' 84 sena, liema apertura għandha ssir a favur l-esponenti u ċioè kwantu għal kwart indiviż (1/4) favur Anthony Magri, kwantu għal wieħed minn erbgħin parti (1/40) indiviżi kull wieħed u waħda favur Gaetano Magri, Michaelina Camenzuli, Rosaria Iavarrone, Carmelo Magri, Maria Micallef, Alfred Magri, Dolores Borg, Maria Lourdes Burke, Emanuel Magri, u kwantu għal parti minn mija u għoxrin (1/120) parti kull wieħed u waħda

IT IS hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 8th January 2007 (Application number 2/2007) Gaetano Magri pro et nomine et requested the opening of the SUCCESSION of Maria Assunta sive Sunta Cassar, a spinster, daughter of the late Clemente Cassar and of the late Margherita neé Formosa, born in Għarb, Gozo and who died in Victoria, Gozo on the nineteenth (19)th April 1985, intestate and without issue, aged 84 years, and which opening of succession is to be made in favour of applicants, and namely as to one fourth (1/4) undivided part in favour of Anthony Magri, as to one out of forty undivided parts (1/40) each in favour of Gaetano Magri, Michaelina Camenzuli, Rosaria Iavarrone, Carmelo Magri, Maria Micallef, Alfred Magri, Dolores Borg, Maria Lourdes Burke, Emanuel Magri, and as to one undivided part

minnhom favur Jesmond Magri, Anna Chircop, u Sandra Busuttil, u għal parti minn tminn partijiet (1/8) kull wieħed u waħda favur Antoinette Camilleri, Carmena Camilleri, Alfred Camilleri u Maria Camilleri.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Jannar 2007

MARY JANE ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

out of one hundred and twenty (1/120) parts each in favour of Jesmond Magri, Anna Chircop, and Sandra Busuttil, and as to one eighth (1/8) part each in favour of Antoinette Camilleri, Carmena Camilleri, Alfred Camilleri and Maria Camilleri.

Wherefore any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 18th January 2007

MARY JANE ATTARD
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

148

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Carmel sive Charles Gauci (ID 323758M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 353/06 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Shanaia numru 1780/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 22 ta' Jannar 2007.

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Carmel sive Charles Gauci (ID 323758M) filed an application under oath (No. 353/06 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Shanaia number 1780/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 22nd January 2007.

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

149

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2006, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-5 ta' Ottubru 2006, fuq talba ta' Edward Tanti ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati, sabiex jirrappreżentaw lil assenti Iain Stuart, Kathleen u Daphne, ilkoll aħwa Francis, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Edward Tanti vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fis-27 ta' Settembru 2006, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Edward Tanti ID 138136(M) pensjonant, iben Carlo u Victoria neé Caruana, imwieled il-Ħamrun u residenti l-Imsida, kontra (Intimat) Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Iain Stuart, Kathleen, Daphne ilkoll aħwa Francis, ulied Edward Morley Francis u Dorothy Mary neé Stuart, imwielda Grantown-on-Spey, residenti Devon, U.K., ir-rikorrenti Edward Tanti ID 138136(M), talab illi sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprejtà u b'mod partikolari, l-appartament bin-numru intern erbgħa (4) fil-blokk ta' appartamenti bin-numru tlieta (3) bl-isem tal-blokk Pietà Appartments ġewwa Marina Street, Pietà …Omissis…

kif suġġett għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ta' kompro-vendita fl-atti tan-Nutar F. Micallef , ta' l-Ewwel ta' Ġunju elf disa' mija tlieta u disgħin (1.06.93), liema proprjetà ġiet akkwistata minn mart ir-rikorrent Jonquil Tanti Hughes defunta, bint Edward Morley Francis u Dorothy Mary neé Stuart imwielda Grantown-on Spey, Scotland minghand Mark Delicata, manager, bin Edward u Doreen neé Orr, imwieled u residenti Sliema.

Illi r-rikorrenti sejjer jipproċedi kontra l-intimati noe et, bil-kawża appropria għall-leġittima.

It is hereby notified that by a decree of the 5th October 2006, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.

Republic of Malta.

To the Marshall of the Court.

Whereas by a decree given by this Court on the 5th October 2006, following a request of Edward Tanti, it was ordered that Deputy Curators be chosen, to represent the absent Iain Stuart, Kathleen and Daphne, all brothers and sisters Francis, in the records of Prohibitory Injunction in the names Edward Tanti vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application ,filed, on the 27th September 2006, in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Edward Tanti ID 138136(M), pensioner, son of Carlo and Victoria neé Caruana, born in Ħamrun and residing in Msida against the (Respondent) Deputy Curators to represent the absent Iain Stuart, Kathleen, Daphne, all brothers and sisters Francis, children of Edward Morley Francis and Dorothy Mary neé Stuart, born Grantown-on-Spey, resident Devon, U.K., the applicant Edward Tanti ID 138136(M), prayed that so that he secures his credit here under mentioned against the respondent, he humbly prays this Honourable Court to order the issue of a warrant of prohibitory injunction, against the respondent so that he be withheld from selling, alienating, transferring or disposing, inter vivos or by onerous or gratuitous title, any property and in particular, the apartment internally marked four (4) in the block of apartments with number three (3) with the name Pietà Apartments in Marina Street, Pietà …Omissis…

as subject to the conditions mentioned in the contract of sale in the records of Notary F. Micallef of the First June of the year one thousand nine hundred and ninety three (1.06.93) which property was acquired by the wife of the applicant Jonquil Tanti Hughes, deceased, daughter of Edward Morley Francis and Dorothy Mary neé Stuart born Grantown–on Spey, Scotland from Mark Delicata, manager, son of Edward and Doreen neé Orr, born and resident in Sliema.

That the applicant shall proceed against the respondents noe with the appropriate case for the legitim.

…...Omissis…

Illi billi l-intimati huma assenti jridu jiġu appuntati l-Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw l-assenti u qed jiġi intavolat rikors appositu kontestwalment u jinħtieġ li fil-frattemp, għas-salva gwardja tad-drittijiet ta' l-esponent li l-Mandat ta' Inibizzjoni jkollu anke proviżjorjament l-effetti kollha skond il-liġi ai termini ta' l-Artikolu 873(7) tal-Kap. 12…Omissis,…

Kreditu: Ħamsa u tletin elf lira Maltija (Lm35,000.00) għall-finijiet tal-mandat.

Titolu: Legittima dovuta lill-esponent skond il-liġi.

Iff. Avukat Mark. A. Mifsud Cutajar, B.A., LL,D. Iff. MC Bartolo LP

Rikorrent: 12, Church Street, Msida MSD 05.

Intimat:

Eżekuzzjoni 1. Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Merchants Street, Valletta.
2. Reġistratur ta' l-Artijiet, Casa Bollino, West Street, Valletta.
3. Kummissarju ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.
4. Joint Office, Sa Maison, Pietà.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum, 5 ta' Ottubru 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

…..Omissis…

That whereas the respondents are absent Deputy Curators are to be appointed to represent the absentees and an appropriate application is to be filed in the meantime in order to safeguard the rights of the applicant that the Warrant of Prohibitory Injunction shall have provisional effects according to law in terms of Article 873(7) of Chapter 12 ….Omissis…

Credit: Thirty five thousand Maltese Liri (Lm35,000.00) for the purposes of this warrant.

Title: Legitim due to the applicant according to law.

Sgd. Advocate Mark A. MiFsud Cutajar, B.A., LL.D. Sgd. MC Bartolo LP

Applicant: 12, Church Street, Msida MSD 05.

Respondent:

Execution: 1. Director Public Registry, Merchants Street, Valletta,
2. Land Registrar, Casa Bollino, West Street, Valletta.
3. Commissioner of Lands, Auberge de Baviere, Valletta.
4. Joint Office, Sa Maison, Pietà.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph R. Micallef, LL.D., Doctor of Laws.

Today, 5th October 2006.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

150

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti, fis-16 ta' Jannar 2007, in segwitu għar-Rikors ta' Doris Sarlò u oħrajn , Rikors numru 657/2006, Carmen Mifsud, armla minn John Mifsud, bint Giovanni Zammit u Adelaide Zammit neé Mangion, imwielda l-Furjana u residenti ġewwa,Villa Messina, ir-Rabat, Malta, bil-karta ta' l-identità numru 24722(M) ġiet interdetta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 23 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 16th January 2007, following an Application of Doris Sarlò and others, Application number 657/2006, Carmen Mifsud, widow of John Mifsud, daughter of Giovanni Zammit and Adelaide Zammit neé Mangion, born in Floriana and residing in Villa Messina, Rabat, Malta, identity card number 24722(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 23rd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

151

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-22 ta' Jannar 2007, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Jannar, 2007, fuq talba ta' Bank of Valletta P.L.C. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Frar 2007, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati għall-bejgħ bl-irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-flat internament markat bin-numru tnejn (2) formanti parti minn blokk ta' appartamenti magħruf bħala "Fawwara Buildings", fi Triq Ġużé Fava, Tas-Sliema, stmat li jiswa Lm245,000.00ċ appartenenti lil Vivienne Limited.

Reġistru tal-Qrati Superjuri Prim Awla, illum 22 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 22nd January, 2007, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187 subsection 3 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter12).

That by a decree given on 10th January, 2007, on the application filed by Bank of Valletta P.L.C., Thursday, 15th February, 2007, from 9.00 a.m. to 12.00 noon in the corridors of these Courts has been fixed for the sale by auction and final adjudication of flat internally numbered two (2) forming part of a block of apartments known as "Fawwara Buildings", in Ġużé Fava Street, Sliema, valued at Lm245,000.00c, which flat belongs to Vivienne Limited.

Registry of the Civil Court First Hall, today the 22nd January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

152

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru 2006, fil-kawża Ċitazzjoni numru 550/06 JRM, fl-ismijiet Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fid-19 ta' Ġunju 2006, fl-ismijiet Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162), ir-rikorrenti Philip Attard (789148M) għan-nom tas-soċjetà Attrans Limited espona bir-rispett:

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 6th December 2006, in the cause Writ of Summons number 550/06 JRM, in the names Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162) ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, on the 19th June 2006, in the names Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162) the applicant Philip Attard (789148M) in the name of the company Attrans Limited, pleaded with respect:

1. Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tmint'elef erba' mija u erba' liri Maltin (Lm8,404) …Omissis…

2. Illi s-soċjetà rikorrenti interpellat diversi drabi lis-soċjetà intimata sabiex tħallas l-ammont fuq ċitat iżda din baqgħet inadempjenti;

3. Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u r-rikorrenti, qieghed jippreżenta ma dan ir-rikors affidavit ġuramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti in vista tas-suespost umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. Tiddikjara lis-soċjetà Vincent Cuschieri Limited debitriċi tas-soċjetà rikorrenti, fl-ammont ta' tmin telef erba' mija u erba' liri Maltin (Lm8,404);

3. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont hekk dovut ma' l-imgħax legali mid-data tal-ħruġ tal-fattura relattiva sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, is-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Xhieda.

Dokumenti.

Notifiki: Rikorrenti: Attrans Depot, Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ.

Intimata: Triq Ninu Cremona, Paola.

Swomi Farm, Triq Santa Katarina, Għargħur.

Il-kawża Ċitazzjoni Numru 550/2006 JRM, fl-ismijiet Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162) ġiet differita għat-8 ta' Frar 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. That the respondent company, is a debtor of the applicant company in the amount of four thousand four hundred and four Maltese Liri (Lm8,404)…Omissis…

2. That the applicant company, called upon the respondent company, various times to pay the amount above mentioned but remained in default;

3. That this debt is certain, liquid and due and the applicant, is filing with this application a sworn affidavit according to article 167(1) of Chapter 12 of the Laws of Malta;

Thus the applicant company, in view of the above humbly prays this Honourable Court:

1. To decide the cause according to the demand without proceeding to a hearing;

2. Declare the company Vincent Cuschieri Limited, a debtor of the applicant company, in the amount of eight thousand four hundred and four Maltese liri (Lm8,404);

3. Condemn and order the respondent company to pay applicant company, the amount so due with legal interest, from the date of issue of the relative invoice till the date of effective payment;

With costs, the respondent company is summoned so that a reference to its evidence be made.

Witnesses.

Documents.

Services: Applicant: Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ.

Respondent: Ninu Cremona Street, Paola.

Swomi Farm, St. Catherine Street, Għargħur.

The cause Writ of Summons Number 550/2006 JRM in the names Attrans Limited (C 8520) vs Vincent Cuschieri Limited (C 4162) was put off to the 8th February 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

153

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-30 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Anna Tabone (ID208962M) ta' 34, St Sebastian Street, Qormi, ippreżentat talba fl-20 ta' April 2006 fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil:

1. Keith John Harrington ta' Blk. 2, Flat 5, Ent. K, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Sta. Venera; u

2. Francis Borg (ID178961M) ta' 127, Triq ir-Rebħa, Ħal Qormi;

sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm500) liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Avv Nru 351/06ISB) hija differita għat-2 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 23 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 30th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Anna Tabone (ID208962M) of 34, St Sebastian Street, Qormi filed a Claim on the 20th April 2006 whereby she asked the Tribunal to condemn:

1. Keith John Harrington of Blk. 2, Flat 5, Ent. K, Triq Patri Ġwann Azzopardi , Santa Venera; and

2. Francis Borg (ID 178961M) of 127, Triq ir-Rebħa, Qormi;

to pay the plaintiff the sum of five hundred Maltese liri (Lm500) which amount is due to the plaintiff.

With costs.

The case (Claim Number 351/06ISB) is put off on the 2nd February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

154

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-7 ta' Diċembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba fit-12 ta' Ottubru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alan Ciantar ta' Flat 7, Pjazza Sant'Antnin, Binja Kordin, Blokk D, Paola, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u tlieta u ħamsin Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm653.57) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (904/06PBC) hija differita għall-1 ta' Frar 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 7th December 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara filed a Claim on the 12th October 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Alan Ciantar of Fl 7, Pjazza Sant'Antnin Binja Kordin, Block D, Paola, to pay the plaintiff company the sum of six hundred and fifty three Maltese liri and fifty seven cents (Lm653.57) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 904/06PBC) is put off on the 1st February 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 23rd January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

155

Illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fid-19 ta' Jannar 2007, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-artikolu 5(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Supretendent Alexandra Mamo u Spettur Antonovich Muscat) kontra:

Carmel Attard ta' 43 sena iben Philip u Jane neé Bonello, imwieled Pietà fit-13 ta' Lulju 1963 u residenti 79, Charlese, Triq Wignacourt, Birkirkara, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 377463(M);

U

Maria Victoria Abela Marsala ta' 34 sena bint Ernesto Marsala u Frances neé Mattocks, imwielda l-Gżira fil-5 ta' Settembru 1971 u residenti attwalment fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, detentriċi ta' karta ta' l-identità bin-numru 403671(M);

U

Charles Vincent Vella Bonavita ta' 60 sena, iben il-mejjet Frank Joseph u Mary neé Ferro mwieled Valletta fit-2 ta' Ottubru 1945 u residenti 14, Triq Santa Katerina, iż-Żejtun, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 870345(M);

U

Alfred Calamatta ta' 68 sena, iben il-mejjet John u Angela neé Spiteri, imwieled il-Gżira fl-10 ta' April 1938 u residenti 5, San Ġużepp, Triq Ħal Far, Ħal Safi, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 321138(M);

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputati msemmija iktar 'il fuq, jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiet lill-istess imputati milli jitrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti awtorizzat lil Charles Vella Bonavita jkun jista' jirċievi l-pensjoni mingħajr ebda xkiel.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta) illum 22 ta' Jannar 2007.

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 19 January 2007, the Court acceded to the request of the prosecution in terms of Article 5(1) of Cap. 373 of the Laws of Malta in the Preliminary Investigation 'The Police (Superintendent Alexandra Mamo and Inspector Antonovich Muscat)' versus:

Carmel Attard, 43 years, son of Philip and Jane neé Bonello, born at Pietà on the 13th July 1963 and residing 79, Charlese, Triq Wignacourt, Birkirkara, holder of identity card number 377463(M);

And

Maria Victoria Abela Marsala, 34 years old, daughter of late Ernesto Marsala and Frances neé Mattocks, born Gżira on the 5th September 1971, presently residing at Corradino Correctional Facility, holder of identity card number 403671M;

And

Charles Vincent Vella Bonavita, 60 years old, son of late Frank Joseph and Mary nee' Ferro born in Valletta on the 2 October, 1945 and residing 14 Triq Santa Katerina Żejtun, holder of identity card number 870345(M);

And

Alfred Calamatta, 68 years old, son of late John and Angela neé Spiteri, born Gżira on the 10 April, 1938 and residing 5 San Ġużepp Triq Ħal Far, Safi, holder of identity card number 321138(M);

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are their property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable in terms of Cap. 373 of the Laws of Malta.

The Court authorized that Mr Charles Vella Bonavita would be in a position to receive his pension without any hindrance.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 22 January 2007

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts & Tribunals

156

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-30 ta' Awissu 2006, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet moghti minn din il-Qorti, fit-30 ta' Awissu 2006, fuq talba ta' Dott. Luigi A. Sansone noe (GUCCIO Gucci) ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-VISA NEGOCE (SARL) IMPORT EXPORT fl-atti tar-Rikors 750/06 GCD, fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Guccio Gucci S.p.A. ta' Via Tornabuoni 73/r, Firenze, l-Italja vs Kuraturi Deputati sabiex jirappreżentaw lil Visa Negoce (SARL) Import Export ta' N 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk, espona bir-rispett:

1. Illi s-soċjetà attriċi Guccio Gucci S.P.A. magħrufa sew madwar id-dinja inkluż f'Malta inter alia in konnessjoni ma' kartieri, portmonijiet, boroż, żraben, sandli, foulards u arloġġi ta' l-idejn; hija proprjetarja ta' diversi trademarks …Omissis…

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju fianzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha s-soċjetà attriċi akkwiżixxiet reputazzjoni u avvjament enormi…Omissis…

3. Illi fost oħrajn is-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrati f'Malta diversi trademarks numri 34921, 40658, 17196, 14945, 34922, 17206, 17197 u 14944 …Omissis…

4. Illi inoltri s-soċjetà attriċi għandha rreġistrati bħala Trademarks Komunitarji (CTM) bin-numri 000121988 u 004107546 rispettivament il-markji 'Gucci' (kelma) u 'Gucci' (tikketta) b'effett mill-1 ta' April tal-1996 u mit-3 ta' Novembru 2004, rispettivament u dan f'kull każ inter alia dwar prodotti f'kategorji li fihom jaqgħu prodotti konsistenti f'kartieri, portmonijiet, boroż, żraben, sandli, foulards u arloġġi ta' l-idejn oltre għal materjal stampat;

It is hereby notified that by a decree of the 30th August 2006, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators.
